MALTA

# QORTI CIVILI

## PRIM' AWLA

## (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

**ONOR. IMHALLEF**

**ANNA FELICE**

Seduta ta' l-4 ta' Marzu, 2015

Rikors Numru. 83/2013

**Zakkarija Calleja**

**vs**

**Avukat Generali**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' Zakkarija Calleja li, permezz tieghu, wara li gie premess illi:

Ir-rikorrent illum ghandu erbgha u sebghin (74) sena.

Ghall-ahhar tlieta u erbghin (43) sena r-rikorrent kien involut f'zewg kawzi li sal-lum ghadhom pendenti l-Qorti, wahda bhala attur fil-kawza fl-ismijiet 'Zakkarija Calleja vs Ignazio Gatt' (Citaz. Nru. 994/71CFS) u l-ohra bhala konvenut fil-kawza fl-ismijiet 'Ignazio Gatt vs Zakkarija Calleja' (Citaz. Nru. 319/70CFS).

Filwaqt li mhijiex tigi attribwita htija lill-Qorti li qeghdin quddiemha, matul il-process sehhew irregolaritajiet li gabu dewmien esagerat li ghalih ir-rikorrent certament li mhuwiex responsabbli.

Il-fatt li dawn iz-zewg kawzi baqghu ghaddejjin ghal tant snin kellu effett hazin hafna fuq in-negozju tar-rikorrent u fuq il-posizzjoni finanzjarja tieghu anke ghaliex l-incertezza rizultanti minn dawn iz-zewg kawzi u l-ezitu li dawn jista' jkollhom tellef mhux ftit il-progress u t-tkabbir tan-negozju fir-rikorrent.

Dawn ma kienux xi zewg kawzi li jipprezentaw xi diffikultajiet legali specjali u certament li dewmien daqstant esagerat mhuwiex accettabbli u jikkostitwixxi lezjoni tal-provvedimenti tal-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem illi llum tikkostitwixxi parti integrali mill-ligi nostrana.

Oltre dan il-fatt li dawn iz-zewg kawzi bl-incertezzi kollha li jgibu maghhom baqghu ghaddejjin ghal tant snin kellu effett hazin anke fuq ir-rikorrent personalment u kkawzalu hafna inkwiet, ansjetà u preokkupazzjonijiet. L-istess rikorrent ghadda minn diversi problemi ohra f'hajtu matul dawn it-tlieta u erbghin (43) sena li ilhom qed jinstemghu dawn il-kawzi u l-perdurazzjoni ta' tali kawza certament li ma ghenx l-istat mentali u s-serenità tar-rikorrent.

L-eredi tal-parti l-ohra f'dawn iz-zewg kawzi, u cioè l-eredi ta' Ignazio Gatt digà pprezentaw kawza kostituzzjonali li hija msejsa prattikament fuq l-istess fatti u l-istess binarji u din il-kawza fl-ismijiet 'Joseph Gatt vs Avukat Generali' (Rik. Nru. 25/2010) giet deciza b'sentenza moghtija minn din il-wisq Onorabbli Qorti fid-29 ta' Lulju, 2013 billi l-intimat odjern l-Avukat Generali gie kkundannat li jhallas lir-rikorrenti f'dik il-kawza s-somma ta' tnax-il elf Ewro (€12,000).

Intalbet din il-Qorti biex:

1. Prevja kwalsiasi dikjarazzjoni ohra talvolta mehtiega u necessarja, tiddikjara li f'kull wiehed miz-zewg kazijiet fuq imsemmija r-rikorrent sofra lezjoni tad-dritt taghhom taht l-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem minhabba dewmien taz-zmien sabiex ikun hemm decizjoni definittiva fuq id-drittijiet civili tieghu.

2. Tillikwida d-danni sofferti mir-rikorrenti, kemm danni pekunarji u mhux pekunarji ghal lezjoni hawn fuq imsemmija.

Bl-ispejjez kontra l-initmat.

Rat ir-risposta tal-Avukat Generali li in forza taghha gie eccepit:

Illi l-allegazzjonijiet tar-rikorrent b'referenza għall-proċeduri fl-ismijiet ***Zakkarija Calleja vs Ignazio Gatt*** (Citaz. Nru. 994/71 CFS) u ***Ignazio Gatt vs Zakkarija Calleja*** (Citaz. Nru. 319/1970 CFS) fis-sens illi *'dewmien daqtant eżaġerat mhuwiex aċċettabbli u jikkostitwixxi leżjoni tal-provvedimenti tal-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem'* huma kollha nfondati fil-fatt u fid-dritt u dan għas-segwenti raġunijiet li qed jiġu hawn elenkati mingħajr preġudizzju għal xulxin:

Illi huwa paċifiku li d-dritt għal smiegħ xieraq irid ikun evalwat fir-rigward tat-totalità tal-proċeduri kollha. Il-fatturi li prinċipalment għandhom jittiehdu in konsiderazzjoni sabiex jiġi determinat jekk is-smigħ ta' proċess eċċediex il-parametri tas-smigħ fi żmien raġjonevoli huwa l-komplessita' tal-każ, l-aġir tal-partijiet fil-kawża u l-aġir ta' l-awtorita' jew awtoritajiet relevanti – f'dan il-każ l-aġir ta' awtorita' ġudizzjarja;

Illi l-proċeduri ***Ignazio Gatt vs Zakkarija Calleja*** (Citaz. Nru. 319/1970 CFS) deċiżi mill-Prim' Istanza fit-13 ta' Novembru, 2013 huma proċeduri ċivili strettament bejn partijiet privati. F'dawn il-proċeduri ma seħħ l-ebda ksur tal-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea u dan peress li d-dewmien li minnu qiegħed jilmenta r-rikorrent, u li minħabba fih qed jallega nuqqas ta' smiegħ xieraq, kien sostanzjalment ikkontribwixxa għalih r-rikorrent stess. Din il-kawża titratta dwar talba għall-ħlas ta' Lm12,169.16 prezz ta' ġwież u *concentrate*. Fost l-eċċezzjonijiet tal-konvenut f'dawk il-proċeduri, hemm li l-

*concentrate* konsenjat mill-attur ma kienx skond l-*ispecifications* u li dan wassal għal danni lill-konvenut b'dan illi skond ir-rikorrent odjern, Gatt kien debitur tiegħu u mhux il-kontra. Waqt is-seduta tal-11 ta' Jannar 1972 il-Qorti kienet ġiet infurmata li ġiet preżentata kawża għad-danni bin-numru 994/71 u għalhekk ordnat li l-kawżi jinstemgħu flimkien. Jidher li fl-1982 l-attur Gatt talab li l-kawża titħalla għas-sentenza. Fl-udjenza tal-15 ta' April 1982, la l-konvenut Calleja u lanqas l-avukat tiegħu ma dehru għas-seduta u l-Qorti laqgħat it-talba tar-rikorrent u l-kawża ġiet differita għas-sentenza. Kien ir-rikorrent odjern li permezz ta' rikors datat 20 ta' April 1982 talab ir-revoka ta' dan id-digriet sabiex dik l-Onorabbli Qorti tistenna l-eżitu tal-kawża 994/71. Effettivament it-talba ġiet milqugħa u l-kawża baqgħat marbuta mal-kawa 994/71. B'deċiżjoni tal-Prim Awla tal-Qorti Ċivili datata 13 ta' Novembru 2013, l-eċċezzjonijiet tal-konvenut f'dawk il-proċeduri u rikorrent odjern ġew miċħuda u kkundannatu jħallas lill-atturi s-somma ta' €24,930.49;

Illi permezz tal-kawża ***Calleja vs Ignazio Gatt*** (Citaz. Nru. 994/71 CFS), l-attur talab lil dik l-Onorabbli Prim' Awla tal-Qorti Ċivili tiddikjara u tiddeċiedi illi l-konvenut hu responsabbli għad-danni li allegatament sofra l-attur bħala konsegwenza ta' *concentrate* fornut mill-konvenut bħala għalf għal-tiġieġ u flieles. Lanqas f'dawn il-proċeduri ma seħħ l-ebda ksur tal-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea u dan peress li d-dewmien li minnu qiegħed jilmenta r-rikorrent, u li minħabba fih qed jallega nuqqas ta' smiegħ xieraq, kien prinċipalment tort tar-rikorrent stess. Mill-atti jirriżulta kemm kienu ftit l-okkazzjonijiet fejn xi ħadd mill-partijiet ilmenta dwar dewmien. Anzi, hemm kwantità kbira ta' seduti fejn ma deher ħadd. Bir-rispett dovut, dik il-parti li taddotta atteġġament passiv, tkun hi stess qiegħda tikkontribwixxi għad-dewmien fil-proċeduri. Anké l-Onorabbli Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fid-deċiżjoni tagħha

rrimarkat li '*inħlew diversi seduti meta l-atturi ġew biex iħallsu d-dritt dovut lill-konsulent legali tagħhom meta dan ma baqax jippatroċinahom u damu snin biex jirriżolvu din il-kwistjoni'*. Bir-rispett dovut, huwa inawdit li r-rikorrent jilmenta minn dewmien u ksur tad-dritt għal smiegħ xieraq fi żmien raġonevoli meta d-dewmien lamentat kien sostanzjalment ikkontribwixxa għalih huwa stess;

Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, dato ma non concesso li kien hemm xi dewmien li jeċċedi l-parametri tas-smigħ fi żmien raġjonevoli, dan mhuwiex imputabbli lill-Onorabbli Qorti, kif qiegħed jirrikonoxxi r-rikorrent stess fit-tieni paragrafu tar-rikors promutur;

Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, il-proċeduri kostituzzjonali fl-ismijiet ***Joseph Gatt et vs Avukat Ġenerali*** (25/2010 AE) li għalihom għamel referenza r-rikorrent, jinstabu pendenti quddiem l-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali b'dan illi d-deċiżjoni tad-29 ta' Lulju 2013 tal-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili (Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali) mhijiex finali. Mingħajr preġudizzju għal dan, dik id-deċiżjoni tmur oltré l-ksur lamentat mir-rikorrent fil-proċeduri odjerni;

Illi dejjem mingħajr preġudizzju jsegwi li ma hemm lok għall-ebda rimedju jew kumpens kif mitlub mir-rikorrent;

Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Għaldaqstant l-esponent, bir-rispett jitlob lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tiċħad it-talbiet tar-rikorrent bl-ispejjeż kontra tiegħu.

Rat l-atti tal-proceduri kostituzzjonali Nru. 25/2010 fl-ismijiet Joseph Gatt vs Avukat Generali.

Rat l-atti tal-kawza 994/71/CFS fl-ismijiet Zakkarija Calleja vs Ignazio Gatt.

Rat l-atti tal-kawza 319/70CFS fl-ismijiet Ignazio Gatt vs Zakkarija Calleja.

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza bil-fakoltà moghtija lill-partijiet biex iressqu sottomissjonijiet bil-miktub. Rat li, meta ghadda z-zmien moghti ghas-sottomissjonijiet tar-rikorrent, l-Avukat Generali gie moghti terminu biex iressaq is-sottomissjonijiet tieghu, però lanqas dan ma ressaq ebda nota.

Ikkunsidrat illi r-rikorrenti qed jitlob dikjarazzjoni li d-dritt tieghu ghal smiegh xieraq fi zmien ragonevoli, kif tutelat mill-Art. 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet Fondamentali ta' Bniedem, gie lez meta zewg kawzi li kien parti fihom damu tlieta u erbghin sena biex gew decizi. Infatti z-zewg kawzi gew decizi wara l-ftuh tal-proceduri odjerni.

> "Ikkunsidrat illi l-Art. 6(1) tal-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tal-Bniedem jipprovdi illi:

*"In the determination of his civil rights and obligations or of any criminal charge against him, everyone is entitled to a fair and public hearing within a reasonable time by an independent and impartial tribunal established by law"*.

Fis-sentenza David Marinelli vs Avukat Generali (3 ta' Lulju 2008), il-Qorti irriteniet illi:

*"B'mod generali, biex jigi determinat jekk is-smiegh f'xi proceduri quddiem il-Qorti sarx fi zmien ragjonevoli kif miktub mill-artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni u mill-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropeja, wiehed irid iqis ic-cirkostanzi kollha partikolari f'dawk il-proceduri, u b'mod partikolari:*

*1. in-natura u/jew komplessità tal-kaz in kwistjoni,*

*2. il-kondotta tal-partijiet fil-kawza, u*

*3. il-mod kif dawk il-proceduri gew trattati u kondotti mill-awtorità gudizzjarja stess"*.

Fil-kawza Francis Theuma vs Avukat Generali (27 ta' Gunju 2003) intqal inoltre illi:

*"S'intendi, dawn il-kriterji jridu jigi applikati ghall-kaz konkret u mhux fl-astratt, b'mod ghalhekk li ghandu jigi ezaminat sew il-process li jkun qed jigi allegat li jaghti lok ghall-ksur lamentat. Ma hemmx, ghalhekk, xi periodu pre-determinat, applikabbli ghal kull kaz, li jekk jinqabez ikun hemm ksur minhabba dewmien mhux ragonevoli".*

Fil-11 ta' Awissu 2003, il-Qorti Kostituzzjonali fil-kawza John Bugeja vs Avukat Generali affermat inoltre illi:

*"Meta jinstab li kawza damet pendenti ghal zmien twil u damet irragonevolment biex inqatghet, ikun gudizzju simplicistiku wisq li tintefa l-htija ghad-dewmien fuq l-imhallef partikolari li jkun sema' l-istess kawza li damet. Ikun gudizzju x'aktarx immensament ingust li takkuza jew li tinsinwa li dak l-imhallef partikolari ikun tghazzen, tnikker jew generalment ma kienx diligenti f'xogholu. Dan ghaliex, fil-verità, l-abilità ta dak l-imhallef li jiddisponi mill-kawzi fi zmien ragonevoli ma tiddependix biss fuq il-kwalitajiet intrinsici u personali tieghu, izda, fil-<u>parti l-kbira</u> tiddependi fuq l-effikacja o meno tal-ambjent li jahdem fih. Fost il-fatturi li jikkondizzjonaw dan l-ambjent, insibu n-numru kbir ta' kawzi "qodma" (backlog) li "jitghabba" bih appena jilhaq imhallef, in-numru sinjifikanti ta' kawzi godda li jigu assenjati lilu regolartment, u dawk li jista' "jiret" meta jirtira xi gudikant, il-kwalità u l-kumplessità tal-istess kawzi, jekk l-imhallef jinghatax persuni debitament kwalifikati biex jassistuh, jekk jinghatax r-rizorsi necessarji biex jaghmel ir-ricerka tieghu, biex izomm ruhu aggornat fl-istudji tieghu, u biex isib il-hin necessarju ghad-deliberazzjoni u l-kitba tas-sentenzi.*

*Id-dritt fundamentali tal-indivdwu li jkollu l-kawza tieghu mismugha u finalizzata eghluq iz-zmien ragonevoli, jimponi tassattivament fuq l-istat, li jrid josserva s-Saltna tad-Dritt, l-obbligu li jkollu fis-sehh sistema efficjenti t'amministrazzjoni tal-gustizzja. Il-gudikatura tifforma t-tielet kolonna li fuqha hu mibni l-istat. Fis-sistema taghna, huma z-zewg kolonni l-ohra tal-istat, cioe' l-ezekuttiv u l-*

*legislattiv, li ghandhom obbligu li jipprovdu r-rizorsi, l-istrutturi u l-ghodod l-ohra kollha necessarji biex il-Qrati jkunu f'pozizzjoni li jwettqu l-gustizzja fi zmien ragonevoli".*

Il-Qorti Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem fil-kaz ta' Zimmermann and Steiner vs Switzerland sostniet li l-istati ghandhom l-obbligu "to organize their legal systems so as to allow the Courts to comply with the requirements of Article 6(1) including that of trial within a reasonable time (13 ta' Lulju 1983 para. 29).

Ukoll fil-kaz ta' Guincho vs Portugal sahqet li stat ghandu l-obbligu li jforni bizejjed rizorsi ghad-disposizzjoni tas-sistema gudizzjarju sabiex ma jkunx hemm dewmien irragonevoli fil-proceduri (10 ta' Lulju 1984).

F'dan l-isfond ghalhekk wiehed irid iqis il-fatturi kollha u c-cirkostanzi kompleti sabiex tkun tista' ssir evalwazzjoni tar-ragonevolezza o meno tad-dewmien lamentat.

L-awturi Van Dijk and Van Hoof jispjegaw illi:

*"When the length of the relevant period has been established, it must be subsequently be determined whether this period is to be regarded as reasonable. In many cases the Court only makes an overall assessment, in other cases however, it assesses the lapse of time in each stage of the proceedings. The reasonableness cannot be judged in the abstract but has to be assessed in view of the circumstances of each indivdual case".*

Il-Qorti Kostituzzjonali fil-kawza Said vs Avukat Generali (11 ta' Novembru 2011) irriteniet illi:

*"Ghalhekk skont dawn il-principji l-ebda fattur partikolari ma huwa wahdu konklussiv, imma l-Qorti trid tezamina l-fatturi kollha separatament biex tivvatula l-effett kumulattiv fuq il-proceduri fl-intier taghhom sabiex tara jekk dawn gewx maghluqa fi zmien ragjonevoli. Il-Qorti tista' ssib li fattur partikolari kien leziv mentri fatturi ohrajn ma kienux".*

Il-Qorti ezaminat l-atti tal-kawzi li dwarhom qed jilmenta r-rikorrenti u ssib illum, fiz-zewg proceduri, huwa ma kellux il-htija kollha ghad-dewmien. Il-kawzi ghaddew minn elenku shih ta' gudikanti, periti, periti addizzjonali, periti legali, assistent gudizzjarju sakemm gew finalment decizi.

Jirrizulta illi f'diversi okkazjonijiet huwa intavola rikorsi sabiex jinghalqu l-provi tal-kontroparti li kienet damet snin twal biex tressaq il-provi taghha. In-nuqqas ta' interess tal-kontroparti kien gie senjalat lill-Qorti diversi drabi tul is-snin, anki mill-periti legali u l-assistent gudizzjarju. Infatti l-kawza 319/70, fejn Zakkarija Calleja kien konvenut giet sahansitra kancellata mill-Qorti wara nuqqas ta' interess.

Fil-proceduri Kostituzzjonali intavolati mill-eredi ta' Joseph Gatt fejn intalbet ukoll dikjarazzjoni simili ta' lezjoni ta' smiegh xieraq fi zmien ragonevoli in relazzjoni mal-istess kawzi, il-Qorti Kostituzzjonali kellha dan xi tghid:

Ghar-rigward tal-kumpens komputat il-Qorti Kostituzzjonali fl-istess kawza osservat:

*"Fil-komputazzjoni tal-kumpens, is-segwenti fatturi huma relevanti:*

*1. L-atteggjament passiv tar-rikorrenti u anke tal-konvenut matul il-proceduri.*

*2. In-nuqqas da parti tal-istat li johloq sistema effikaci sabiex hadd ma jithalla jabbuza bil-process gudizzjarju anke permezz tan-non kuranza tieghu.*

*3. Iz-zmien li r-rikorrenti hallew jghaddi qabel ma stitwew il-proceduri odjerni ghall-otteniment ta' rimedju ghal vjolazzjoni ravvizata.*

*Din il-Qorti tirrileva li ghalkemm il-kawzi damu ghexieren ta' zmien, circa gherbin (40) sena, ir-rikorrenti pprezentaw il-proceduri odjerni f'Marzu 2010. Dan id-dewmien da parti taghhom biex jirreklamaw ir-rimedji kostituzzjonali, apparti milli jkompli juri l-passività da parti tar-rikorrenti, jimmilita kontra taghhom fil-komputazzjoni tal-kumpens; il-Konvenzjoni ma tiffavorixxix lil min jorqod fuq id-drittijiet tieghu. F'dan il-kaz, ir-rikorrenti hadu naghsa twila hafna fejn jidhlu d-drittijiet konvenzjonali taghhom ghax hallew aktar minn erbghin (40) sena sabiex fl-ahhar jiehdu passi konkreti sabiex iressqu l-ilment kostituzzjonali taghhom."*

Din il-Qorti madankollu, ma ssibx fir-rikorrenti odjern l-istess "doza qawwija ta' passività" li sabet il-Qorti Kostituzzjonali fil-kontroparti u dana peress illi fil-kawza fejn kien huwa attur, huwa intavola diversi rikorsi sabiex jikseb rimedju ghall-passività ta' Joseph Gatt. Ghalhekk fic-cirkostanzi l-Qorti tqis li l-kumpens misthoqq ghandu jirrifletti dan.

Ghaldaqstant il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tiddikjara li Zakkarija Calleja ma kellux smiegh xieraq fi zmien ragonevoli fil-kawzi Numri 994/71CFS u 319/70CFS u tikkundanna lill-Gvern rapprezentat mill-Avukat Generali sabiex ihallas lil Zakkarija Calleja s-somma ta' €5000 (hamest'elef Ewro).

L-ispejjez jithallsu mill-intimat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------